

**Emenda 252****Peter Lundgren**

f'isem il-Grupp ECR

**Rapport****Karima Delli**

Il-liċenzji tas-sewqan

(COM(2023)0127 – C9-0035/2023 – 2023/0053(COD))

**A9-0445/2023****Proposta għal direttiva****Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt b – paragrafu 1***Test propost mill-Kummissjoni*

fir-rigward tal-kategorija AM ikunu  
għaddew minn test tat-teorija biss; l-Istati  
Membri jistgħu jeħtieġu li l-applikanti  
**jgħaddu minn test tal-ħiliet u tal-imġiba  
kif ukoll minn eżami mediku għal din il-  
kategorija.**

*Emenda*

fir-rigward tal-kategorija AM ikunu  
għaddew minn test tat-teorija biss; ***filwaqt  
li jirrispettaw il-prinċipju tas-  
sussidjarjetà***, l-Istati Membri jistgħu  
jeħtieġu li l-applikanti ***jissodisfaw aktar  
kundizzjonijiet. Huma għandhom  
jinfuraw b'dan lill-Kummissjoni.***

Or. en

**Emenda 253****Peter Lundgren**

f'isem il-Grupp ECR

**Rapport****Karima Delli**

Il-liċenzji tas-sewqan

(COM(2023)0127 – C9-0035/2023 – 2023/0053(COD))

**A9-0445/2023****Proposta għal direttiva****Artikolu 10 – paragrafu 2 – subparagrafu 5***Test propost mill-Kummissjoni*

L-Istati Membri jistgħu jillimitaw il-perjodu ta' validità amministrattiva ta' liċenzji individwali tas-sewqan fir-rigward ta' kwalunkwe kategorija fil-każ li tinħass il-ħtieġa li tīġi applikata frekwenza miżjud ta' eżamijiet mediċi jew li jiġu applikati miżuri speċifiċi, inklużi restrizzjonijiet għall-awturi tar-reati tat-traffiku.

*Emenda*

*Filwaqt li jirrispettar il-prinċipju tas-sussidjarjetà, l-Istati Membri jistgħu jillimitaw il-perjodu ta' validità amministrattiva ta' liċenzji individwali tas-sewqan fir-rigward ta' kwalunkwe kategorija, filwaqt li jqisu l-kundizzjoni tal-istat mediku u l-kapaċità ta' sewqan sikur f'konformità mal-Anness III, fil-każ li tinħass il-ħtieġa li tīġi applikata frekwenza miżjud ta' eżamijiet mediċi jew li jiġu applikati miżuri speċifiċi, inklużi restrizzjonijiet għall-awturi tar-reati tat-traffiku, sabiex ikomplu jtejbu l-miżuri tas-sikurezza fit-toroq.*

Or. en

**Emenda 254****Peter Lundgren**

f'isem il-Grupp ECR

**Rapport****Karima Delli**

Il-liċenzji tas-sewqan

(COM(2023)0127 – C9-0035/2023 – 2023/0053(COD))

**A9-0445/2023****Proposta għal direttiva****Artikolu 10 – paragrafu 6 – subparagrafu 1***Test propost mill-Kummissjoni*

Meta joħorġu jew iġeddu l-liċenzji tas-sewqan fil-kategoriji AM, A, A1, A2, B, B1 u **BE**, l-Istati Membri jistgħu jirrikjedu eżami li japplika l-istandards minimi ta' saħħa **fiżika u mentali** għas-sewqan stabbiliti fl-Anness III minflok l-awtovalutazzjoni stabbilita fil-punt 3 ta' dak l-Anness. F'dak il-każ, l-eżami mediku għandu jkopri l-inkapaċitajiet mediċi kollha msemmija fl-Anness III.

*Emenda*

**Filwaqt li jirrispettaw il-prinċipju tas-sussidjarjetà**, meta joħorġu jew iġeddu l-liċenzji tas-sewqan fil-kategoriji AM, A, A1, A2, B, B1, **BE** u **T**, l-Istati Membri jistgħu jirrikjedu eżami li japplika l-istandards minimi ta' saħħa għas-sewqan stabbiliti fl-Anness III minflok l-awtovalutazzjoni stabbilita fil-punt 3 ta' dak l-Anness. F'dak il-każ, l-eżami mediku għandu jkopri l-inkapaċitajiet mediċi kollha msemmija fl-Anness III.

Or. en

**Emenda 255****Peter Lundgren**

f'isem il-Grupp ECR

**Rapport****Karima Delli**

Il-liċenzji tas-sewqan

(COM(2023)0127 – C9-0035/2023 – 2023/0053(COD))

**A9-0445/2023****Proposta għal direttiva****Artikolu 10 – paragrafu 6 – subparagrafu 2***Test propost mill-Kummissjoni*

Sa [data tal-adozzjoni+18-il xahar] il-Kummissjoni għandha tadotta atti ***ta' implementazzjoni*** li jistabbilixxu l-kontenut tal-awtovalutazzjoni msemmija fil-punt 3 tal-Anness III u li jkopru l-kapaċitajiet mediċi kollha msemmija f'dak l-Anness. Dawk l-atti ***ta' implementazzjoni*** għandhom jiġu adottati f'konformità ***mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 22(2)***.

*Emenda*

Sa [data tal-adozzjoni +18-il xahar] il-Kummissjoni għandha tadotta atti ***delegati*** li jistabbilixxu l-kontenut tal-awtovalutazzjoni msemmija fil-punt 3 tal-Anness III u li jkopru l-kapaċitajiet mediċi kollha msemmija f'dak l-Anness. Dawk l-atti ***delegati*** għandhom jiġu adottati f'konformità ***mal-Artikolu 21***.

Or. en

**Emenda 256****Peter Lundgren**

f'isem il-Grupp ECR

**Rapport****Karima Delli**

Il-liċenzji tas-sewqan

(COM(2023)0127 – C9-0035/2023 – 2023/0053(COD))

**A9-0445/2023****Proposta għal direttiva****Artikolu 10 – paragrafu 6 – subparagrafu 2a (ġdid)***Test propost mill-Kummissjoni**Emenda*

*Filwaqt li jirrispettaw il-prinċipju tas-sussidjarjetà, meta jgħeddu l-liċenzji tas-sewqan fil-kategoriji AM, A, A1, A2, B, B1, BE u T, l-Istati Membri jistgħu jirrikjedu eżami li japplika l-istandardi minimi ta' saħħa għas-sewqan stabbiliti fl-Anness III jew l-awtovalutazzjoni stabbilita fil-punt 3 ta' dak l-Anness jew kwalunkwe forma oħra ta' valutazzjoni tas-sewqan f'konformità mas-sistema nazzjonali fis-seħħ fl-Istat Membru ta' residenza normali. Huma għandhom jinfurmaw b'dan lill-Kummissjoni.*

Or. en

20.2.2024

A9-0445/257

**Emenda 257**

**Peter Lundgren**

f'isem il-Grupp ECR

**Rapport**

**Karima Delli**

Il-liċenzji tas-sewqan

(COM(2023)0127 – C9-0035/2023 – 2023/0053(COD))

**A9-0445/2023**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 10 – paragrafu 6a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*6a. L-Istati Membri huma mħeġġa jiżviluppaw kampanji nazzjonali ta' sensibilizzazzjoni bieax iqajmu kuxjenza fost il-pubbliku ġenerali dwar sinjali mentali jew fiziċċi li jistgħu jpoġġu persuna f'riskju waqt li ssuq vettura.*

Or. en

20.2.2024

A9-0445/258

**Emenda 258**

**Peter Lundgren**

f'isem il-Grupp ECR

**Rapport**

**Karima Delli**

Il-liċenzji tas-sewqan

(COM(2023)0127 – C9-0035/2023 – 2023/0053(COD))

**A9-0445/2023**

**Proposta għal direttiva**

**Anness III – subintestatura 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

STANDARDS MINIMI TAS-SAĦĦA

**MENTALI U FIŻIKA GĦAS-SEWQAN**

TA' VETTURA BIL-MAGNA

STANDARDS MINIMI TAS-SAĦĦA

GĦAS-SEWQAN TA' VETTURA BIL-

MAGNA

Or. en

20.2.2024

A9-0445/259

**Emenda 259**

**Peter Lundgren**

f'isem il-Grupp ECR

**Rapport**

**Karima Delli**

Il-liċenzji tas-sewqan

(COM(2023)0127 – C9-0035/2023 – 2023/0053(COD))

**A9-0445/2023**

**Proposta għal direttiva**

**Anness III – subintestatura 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**EŻAMJIET MEDIĊI**

***SAĦĦA GĦAS-SEWQAN TA'***  
***VETTURA BIL-MAGNA***

Or. en

20.2.2024

A9-0445/260

**Emenda 260**

**Peter Lundgren**

f'isem il-Grupp ECR

**Rapport**

**Karima Delli**

Il-liċenzji tas-sewqan

(COM(2023)0127 – C9-0035/2023 – 2023/0053(COD))

**A9-0445/2023**

**Proposta għal direttiva**

**Anness III – punt 3 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

L-applikanti għandhom iwettqu awtovalutazzjoni ***tas-saħħa fiżika u mentali tagħhom*** għas-sewqan ta' vettura bil-magna.

*Emenda*

L-applikanti għandhom ***jew*** iwettqu awtovalutazzjoni ***jew eżami mediku*** għas-sewqan ta' vettura bil-magna ***f'konformità mas-sistema nazzjonali fis-seħħ fl-Istat Membru ta' residenza normali.***

Or. en

**Emenda 261****Peter Lundgren**

f'isem il-Grupp ECR

**Rapport****Karima Delli**

Il-liċenzji tas-sewqan

(COM(2023)0127 – C9-0035/2023 – 2023/0053(COD))

**A9-0445/2023****Proposta għal direttiva****Anness III – punt 3 – paragrafu 2***Test propost mill-Kummissjoni*

L-applikanti għandhom ikunu meħtieġa joqogħdu għal eżami mediku jekk isir evidenti, mill-awtovalutazzjoni tas-sahħha **fiżika u mentali** tagħihom, meta jkunu qiegħdin jintemmu l-formalitajiet meħtieġa jew waqt it-testijiet li jridu joqogħdu għalihom qabel ma **jiksbu l-liċenzja** tas-sewqan, li x'aktarx huma għandhom waħda jew aktar mill-inkapaċitajiet mediċi i-msemmija f'dan l-Anness.

*Emenda*

L-applikanti għandhom ikunu meħtieġa joqogħdu għal eżami mediku jekk isir evidenti, mill-awtovalutazzjoni tas-sahħha tagħihom **li jsuqu**, meta jkunu qiegħdin jintemmu l-formalitajiet meħtieġa jew waqt it-testijiet li jridu joqogħdu għalihom qabel ma **tinħareġ il-liċenzja** tas-sewqan, li x'aktarx huma għandhom waħda jew aktar mill-inkapaċitajiet mediċi i-msemmija f'dan l-Anness.

Or. en